**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2019**

**Talba Nru: 116/19 CZ**

**Saliba Bros. Limited (C 2295)**

**vs**

**Andre' Apap**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-23 ta' Mejju 2019 u li permezz taghha premettiet:

Illi l-attici rrendiet servizzi kummercjali lill-intimat konsistenti f'bejgh u konsenja ta' materjal ta' kostruzzjoni.

Illi minn dan is-servizz l-intimat hallas parti pero' ghad ghandu bilanc ta' elfejn mija u hames Euro punt tnejn u tletin centezmu (€2,105.32).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet dan baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attrici qed titlob il-kundanna ghall-hlas ta' elfejn mija u hames Euro punt tnejn u tletin centezmu (€2,105.32), bl-imghax kummercjali mid-data tad-dovut u bl-ispejjez, bl-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Antoine Saliba, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut. Ix-xhud esebixxa wkoll sensiela ta' sms skambjati bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici, fejn il-konvenut b'mod car irrikonoxxa ripetutament li ghandu jhallas lis-socjeta' attrici.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, s-somma ta' elfejn mija u hames Euro u tnejn u tletin centezmu (€2,105.32) ghal hlas ta' materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

2. Illi x-xhud Antoine Saliba ghas-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

1. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

2. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

3. Fil-kaz odjern, il-konvenut gie debitament notifikata u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal.

4. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija u hames Euro u tnejn u tletin centezmu (€2,105.32) bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.  L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur